Restrizzjonijiet fuq is-suċċessjonijiet – regoli speċjali

Belġju

1 Skont il-liġi ta' dan l-Istat Membru, ir-regoli speċjali jimponu, għal raġunijiet ekonomiċi, familjari jew soċjali, restrizzjonijiet li jikkonċernaw jew jaffettwaw is-suċċessjoni fir-rigward ta' propjetà immobbli, ċerti intrapriżi jew kategoriji speċjali oħra li jinsabu f'dan l-Istat Membru?

L-Artikolu 745*c* tal-Kodiċi Ċivili (*Code civil*) jistabbilixxi regoli speċjali fejn is-sjieda ta' ċerta proprjetà hija kondiviża bejn id-dixxendenti tal-mejjet li jirċievu s-sjieda mingħajr użufrutt u l-konjuġi superstiti li jirċievi l-użufrutt.

Fil-prinċipju, il-konjuġi superstiti jew wieħed mis-sidien mingħajr użufrutt jista' jitlob għall-konverżjoni sħiħa jew parzjali tal-użufrutt, jiġifieri parti waħda tista' tixtri s-sjieda mingħajr użufrutt jew l-użufrutt mill-parti l-oħra.

Madankollu, ċerta proprjetà hija eskluża minn din ir-regola:

Il-konverżjoni tal-użufrutt tista' tiġi rifjutata mill-qorti tal-familja (*tribunal de la famille*) jekk din tista' tagħmel ħsara serja lill-interessi ta' attività kummerċjali jew professjonali.

Il-qbil tal-konjuġi superstiti jew il-koabitant legali superstiti huwa meħtieġ meta l-proprjetà immobbli u l-għamara tagħha kienet qed tintuża, fid-data meta nfetħet is-suċċessjoni, bħala r-residenza prinċipali tal-familja.

L-Artikolu 745*g* tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi protezzjoni simili, għall-benefiċċju tal-koabitant legali, għal proprjetà immobbli li ntużat bħala r-residenza komuni tal-familja u l-għamara tagħha.

Barra dan, l-Artikolu 915*a* tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi għall-wirt sfurzat ta' parti mill-proprjetà (jiġifieri parti riservata) għall-benefiċċju tal-konjuġi superstiti u jistipula, fil-każijiet kollha, li dan il-wirt sfurzat għandu jinkludi mill-inqas il-proprjetà immobbli li kienet qed tintuża bħala r-residenza ewlenija tal-familja u l-għamara tagħha.

Meta s-suċċessjoni kollha jew parti minnha tikkonsisti minn azjenda agrikola, l-eredi f'linja ta' dixxendenza diretta jistgħu jieħdu f'idejhom, fuq il-bażi ta' stima, il-proprjetà mobbli u immobbli li tifforma l-azjenda agrikola (l-Artikolu 1, l-ewwel paragrafu tal-Liġi tad-29 ta' Awwissu 1988 dwar ir-regoli tas-suċċessjoni għall-azjendi agrikoli bil-għan li tiġi promossa l-kontinwità tagħhom (*loi du 29 août 1988 relative au régime successoral des exploitations agricoles en vue d'en promouvoir la continuité*)).

Jekk is-suċċessjoni kollha jew parti minnha ma tikkonsistix minn azjenda agrikola, iżda minflok minn proprjetajiet immobbli li kienu jifformaw parti mill-azjenda agrikola tal-mejjet, u jekk wieħed mill-eredi f'linja ta' dixxendenza diretta attwalment qed jopera dawk il-proprjetajiet fl-azjenda agrikola tiegħu, dan tal-aħħar jista' jieħu f'idejh dawn il-proprjetajiet ukoll, fuq il-bażi ta' stima, soġġett għad-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili li jistabbilixxi d-drittijiet tal-konjuġi superstiti u l-koabitant legali superstiti (l-Artikolu 1, it-tielet paragrafu, tal-Liġi tad-29 ta' Awwissu 1988).

Fl-aħħar nett, l-Artikolu 4 tal-Liġi tas-16 ta' Mejju 1900 dwar ir-regoli tas-suċċessjoni għal wirt żgħir (*loi du 16 mai 1900 sur le régime successoral des petits héritages*) jipprovdi li, fejn is-suċċessjoni kollha jew parti minnha tikkonsisti minn proprjetajiet immobbli li għalihom id-"dħul kadastrali" sħiħ (dħul minn kiri nozzjonali) ma jaqbiżx l-EUR 1 565 (l-Artikolu 1 tal-Liġi), mingħajr preġudizzju għad-drittijiet konferiti fuq il-konjuġi superstiti bl-Artikolu 1446 tal-Kodiċi Ċivili, kull wieħed mill-eredi f'linja diretta u, fejn applikabbli, il-konjuġi superstiti li mhuwiex divorzjat jew separat legalment mill-mejjet jistgħu jieħdu f'idejhom, fuq il-bażi ta' stima, jew il-bini okkupat sal-mewt mill-mejjet, il-konjuġi tiegħu/tagħha jew wieħed mid-dixxendenti tiegħu/tagħha u l-għamara tiegħu, jew id-dar, l-għamara u l-art li l-okkupant tad-dar uża personalment f'ismu, it-tagħmir agrikolu u l-annimali użati għall-kultivazzjoni, jew l-oġġetti, il-materja prima, it-tagħmir professjonali u aċċessorji oħra użati fuq bażi kummerċjali, ta' skala żgħira jew industrijali.

2 Skont il-liġi ta' dan l-Istat Membru, dawn ir-regoli speċjali japplikaw għas-suċċessjoni fir-rigward tal-assi msemmija hawn fuq irrispettivament mil-liġi applikabbli għas-suċċessjoni?

Dawn id-dispożizzjonijiet huma obbligatorji, iżda l-liġi ma tgħidx espressament jekk dawn jenħtieġx li jiġu applikati irrispettivament mil-liġi applikabbli.

3 Skont il-liġi ta' dan l-Istat Membru, jeżistu regoli speċjali biex jiżguraw konformità mar-regoli speċjali msemmija hawn fuq?

Diversi proċeduri jeżistu biex jiggarantixxu dawn id-drittijiet:

L-approvazzjoni ta' rikors għall-konverżjoni tal-użufrutt mill-qorti tal-familja: il-qorti tal-familja tista' jew tirrifjuta l-konverżjoni tal-użufrutt u l-allokazzjoni ta' sjieda sħiħa, jekk dan jista' jagħmel ħsara serja lill-interessi ta' attività kummerċjali jew professjonali, jew tapprova r-rikors jekk din titqies bħala ekwitabbli minħabba ċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ (l-Artikolu 745*(c)*(2) tal-Kodiċi Ċivili).

L-akkwiżizzjoni ta' azjenda agrikola: jekk il-parti interessata jew wieħed mill-kredituri tagħha tressaq dan ir-rikors, il-qorti tal-familja twettaq stima. Il-qorti tista', għal dan l-iskop, taħtar espert wieħed jew iktar (l-Artikolu 4, l-ewwel paragrafu, tal-Liġi tad-29 ta' Awwissu 1988 – hemm ordni ta' preferenza stipulat fl-Artikolu 3). Jekk il-metodu tal-akkwiżizzjoni jiġi kontestat jew jekk waħda mill-partijiet interessati tirrifjuta li tagħti l-kunsens jew mhijiex preżenti, il-qorti tal-familja ssejjaħ lill-partijiet interessati jew ir-rappreżentanti legali tagħhom mill-inqas 15-il ġurnata bil-quddiem. Fid-data stabbilita, il-partijiet interessati jiltaqgħu f'seduta preseduta mill-imħallef li sejħilhom. Il-laqgħa titwettaq anke jekk wieħed jew iktar mill-partijiet interessati ma jkunux preżenti. Fejn applikabbli, l-imħallef li qed jippresjedi l-laqgħa jaħtar nutar biex jissostitwixxi l-partijiet assenti, biex jirċievi l-ishma tagħhom u jagħti kwittanza għal dawk l-ishma. Il-ħlasijiet għan-nutar jitħallsu mill-partijiet rappreżentati min-nutar. L-imħallef isolvi t-tilwim u jirreferi l-partijiet, għall-iffirmar tal-att, għand in-nutar maħtur minnhom jew għand nutar maħtur mill-qorti, jekk il-partijiet ma jistgħux jaqblu fuq l-għażla tan-nutar (l-Artikolu 4, it-tielet paragrafu, tal-Liġi tad-29 ta' Awwissu 1988). Ħlief għal raġuni serja rikonoxxuta bħala valida bil-quddiem mill-qorti tal-familja, il-persuna li tieħu f'idejha l-proprjetà immobbli ma tistax tbiegħha għal perjodu ta' 10 snin mill-iffirmar tal-att ta' akkwiżizzjoni (l-Artikolu 6, l-ewwel paragrafu, tal-Liġi tad-29 ta' Awwissu 1988).

L-akkwiżizzjoni ta' wirt żgħir: il-proċedura hija fil-maġġorparti l-istess bħall-akkwiżizzjoni ta' azjenda agrikola (l-Artikolu 4, it-tielet u l-ħames paragrafi, tal-Liġi tas-16 ta' Mejju 1900). L-unika differenza huwa l-perjodu li matulu l-proprjetà li ġiet akkwistata ma tistax tinbiegħ, ħlief għal raġuni serja rikonoxxuta bħala valida bil-quddiem mill-qorti tal-familja, li huwa ta' ħames snin mill-iffirmar tal-att ta' akkwiżizzjoni (l-Artikolu 5 tal-Liġi tas-16 ta' Mejju 1900).

L-aħħar aġġornament: 27/08/2019

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.